16 ta' Diċembru, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giuseppe Filletti

**Talkies — Cinematografu — Liċenza — Reg. 51 tal-G. N. 430/1937.**

*It-titolari tal-liċenza ta' ċinematografu għandu, b'liġi, responsabilità diretta u personali għat-tħaris tar-regolamenti li jirrigwardaw it-teatru, u ma jistax jeħles minn din ir-responsabilità billi jallega li huwa wissa ripetutament l-impjegati tiegħu biex josservaw ir-regolamenti, jostħom dak li ma jitħallewx nies jidħlu għal "show" qabel ma jgħaddu għaxar minuti mit-tmiem tax-"show" ta' qabel.*

*Langas ma jiswa lil "licencee" il-fatt li għall-istess kontravvenzjoni jkun diġà ġie kundannat l-impjegat espressament inkarigat bl-entrata tan-nies fiċ-ċinema.*

Fuq l-imputazzjoni illi, bħala "licencee" tal-Lyric Cine-

ma, ippermetta li l-pubbliku jiġi mdaħħal fl-imsemmi ċinema għax-"show" tas-sebgħa ta' *fil-għaxija* qabel ma kien għadda intervall ta' għaxar minuti mit-tmiem tax-"show" ta' qabel, l-imsemmi Filletti, b'sentenza tal-Qorti *Kriminali tal-Maġistrati* ta' Malta tas-16 ta' Ottubru 1953, ġie misjub ħati u kundannat għall-piena tal-ammenda ta' £1;

*L-impotat* appella;

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-fatt ma *hux* kontestat; iżda l-appellant jippretendi li hu għandu jkun eżenti mir-responsabilità, għaliex hu kien wissa ripetutament lill-impjegati tiegħu *biex* josservaw dan ir-regolament, li ma jitħallewx nies jidħlu f'show qabel ma jgħaddu għaxar minuti mit-tmiem tax-"show ta' qabel, partikolar*ment* lil John Alamango, speċjalment inkarikat bl-entrata tan-nies fiċ-ċinema, u għaliex, għal dik l-istess kontravven*zjoni*, diġà ġie kundannat l-istess Alamango;

Dawn l-eċċezzjonijiet huma bla bażi;

Ir-regolament nru. 51 tal-G. N. 430 tal-1937, applikabili f'dan il-każ, jaddossa lill-"licencee" b'responsabilità personali u diretta (u mhux sempliċement "vicarious responsibility") għat-tħaris tar-regolamenti, fostħom ir-regolament 36A. introdott bil-G.N. 202 tal-1944. Dan kien kemm il-darba de*ċiż fil-każ* ta' "*licencee*" ta' *ħanut* tax-xorb, peress li fir-regolamenti relativi hemm dispożizzjoni simili li biha hi mix*ħuta* r-*responsabilità* diretta u personali fuq it-titolari (ara App. Krim. "Pulizija vs. Axiss", 6. 10. 14; "Pulizija vs. Selliek", 16. 9. 15; Pulizija vs. Cini", 30. 7. 17.). Ġie similment deċiż, għar-rigward ta' "licencee" ta' ċinema, kif inhu dan il-każ (App. Krim. "Pulizija vs. Borg", 13. 12. 52; u qabel, Pulizija vs. Debono", 26. 1. 48);

Il-fatt li ġie kundannat l-inkarigat Alamango ma *jiswiex* għad-difiża; għax l-artikolu 25 Kap. 12 Ediz. Riveduta jivviżwalizza din ir-responsabilità dupliċi f'każijiet simili;

*Verament* dan il-każ hu inġustifikabili, għaliex "ex admissis" (xhieda tal-istess appellant) l-appellant stess kien fil-gallarija taċ-*ċinema* huma u deħlin in-nies in kontravvenzjoni tar-regolament;

Għalhekk l-appell hu miċħud u s-*sentenza* konfermata;

Il-Qorti, wara li kkunsidrat il-piena inflitta, thoss li tirrileva li hu gravi li jigi kommess fatt simili, ghaliex jista' jkun ta' pregudizzju kbir ghas-sahha tal-pubbliku li ċ-ċinema ma jigix debitament ventilat bejn show u ohra, partikolarment f'epoka ta' mard.